**Qorti Kriminali**

**Imhallf**

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**Att ta' Akkuza 6/2001**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs.**

**Fatma Milad Tawerghi**

Illum il-Gimgha 6 ta' Lulju, 2001.

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 6/2001.

Semghet, fl-udjenza tal-lum, il-verdett tal-gurati li bih, bi tmien voti favur u wiehed kontra, sabu lill-imsemmija Fatma Milad Tawerghi hatja skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza; u, ukoll bi tmien voti favur u wiehed kontra, sabuha hatja skond it-tieni kap ta' l-istess Att ta' Akkuza "taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha";

Tiddikjara lil Fatma Milad Tawerghi hatja talli important, gieghelet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (erojina) f' Malta bi ksur tal-ligi, u dana skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza; tiddikjarha wkoll hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga erojina bi ksur tal-ligi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha, u dana skond it-tieni kap;

Semghet lill-Avukat Dott. Angelo Farrugia ghall-hatja u lill-Avukat tar-Repubblika Dott. Stephen Tonna-Lowell ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont u n-natura tad-droga involuta, iz-zmien li l-hatja ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll il-fatt li bejn iz-zewg reati in kwistjoni hemm in-ness tal-mezz ghall-fini, u dan kif irrikonoxxa anke l-abbli prosekutur fuq mistoqsija tal-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(I)(3A)(d) u 26 tal-Kap. 101; ir-regola 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmija Fatma Milad Tawerghi ghall-piena ta' erbatax-il-sena (14) prigunerija, mill-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hija ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll multa ta' tletin elf lira (LM30,000) (konvertibbli skond l-Artikolu 11(3) tal-Kodici Kriminali f' sena ohra prigunerija f' kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprieta' mobbli ohra, u tal-proprieta immobbli kollha, ta'

l-istess Fatma Milad Tawerghi, ukoll jekk il-proprieta immobbli minn meta hija giet akkuzata tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprieta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu jinsabu f' xi post barra minn Malta; fl-ahharnett tikkundanna lil Fatma Milad Tawerghi thallas lir-Registratur is-somma ta' mija tnejn u sittin lira (LM162) rappresentanti spejjez peritali inkorsi f' dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat (cioe' wara li jghaddi t-terminu ta' l-appell jew, jekk ikun hemm appell, wara li tali appell jigi deciz);

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita f' dan il-kaz u li tinsab taht l-awtorita' ta' din il-Qorti, ad eccezzjoni tal-kampjuni 00 CLP 05 u 00 CLP 06 (ara relazzjoni ta' Mario Mifsud, fol. 98 tal-atti), liema droga ghandha tigi distrutta mir-Registratur mhux aktar tard minn tlett gimghat mill-lum kemm il-darba l-prosekuzzjoni ma tindikax permezz ta' nota presentata mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xoghol mill-lum li din id-droga hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra; ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni u jinserixxi dana l-proces-verbal fl-atti ta' din il-kawza; kwantu ghall-kampjuni aktar 'l fuq imsemmija dawna ghandhom jigu distrutti mir-Registratur biss wara li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

(ft) VINCENT DE GAETANO
Imhallef.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur